Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Affarijiet Legali

2025/2079(INL)

30.6.2025

ABBOZZ TA' RAPPORT

li jinkludi rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar it-28 Reġim: qafas legali ġdid għall-kumpaniji innovattivi
(2025/2079(INL))

Kumitat għall-Affarijiet Legali

Rapporteur: René Repasi

(Inizjattiva – l-Artikolu 47 tar-Regoli ta' Proċedura)

(Awtur tal-proposta: René Repasi)

PR_INL

WERREJ

Paġna

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW 3

ANNESS GĦALL-MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI: RAKKOMANDAZZJONIJIET DWAR IL-KONTENUT TAL-PROPOSTA MITLUBA.....7

NOTA SPJEGATTIVA 13

ANNESS: ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR IRĊIEVA KONTRIBUT MINGĦANDHOM.....16

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

li jinkludi rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar it-28 Reġim: qafas legali ġdid għall-kumpaniji innovattivi
(2025/2079(INL))

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 225 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 50 u l-Artikolu 114(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 593/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 dwar il-liġi applikabbli għall-obbligazzjonijiet kuntrattwali (Ruma I)[1],

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali[2],

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar l-identifikazzjoni elettronika u s-servizzi fiduċjarji għal tranżazzjonijiet elettroniċi fis-suq intern u li jħassar id-Direttiva 1999/93/KE[3],

– wara li kkunsidra d-Direttiva (UE) 2017/1132 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2017 dwar ċerti aspetti tal-liġi dwar il-kumpaniji[4],

– wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni tat-28 ta' Mejju 2025 bl-isem "L-Istrateġija tal-UE dwar l-Istartups u l-Iscaleups" (COM(2025)270),

– wara li kkunsidra r-rapport ta' Enrico Letta tas-17 ta' April 2024 bit-titolu "Much more than a market" (Ħafna aktar milli suq),

– wara li kkunsidra r-rapport ta' Mario Draghi tad-9 ta' Settembru 2024 bit-titolu "The future of European competitiveness" (Il-futur tal-kompetittività Ewropea),

– wara li kkunsidra l-Artikoli 47 u 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi l-intrapriżi, speċifikament l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs), l-istart-ups u l-iscale-ups, madwar l-Unjoni qed jiffaċċjaw regoli li jvarjaw ħafna minn Stat Membru għal ieħor; billi din id-diversità regolatorja u l-ispejjeż relatati biex isibu tarf kuntesti mhux familjari jfixklu l-finanzjament pan-Ewropew tal-kumpaniji;

---

1 ĠU L 177, 4.7.2008, p. 6, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2008/593/oj.
2 ĠU L 351, 20.12.2012, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2012/1215/oj.
3 ĠU L 257, 28/08/2014, p. 73, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2014/910/oj.
4 ĠU L 169, 30.6.2017, p. 46, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2017/1132/oj.

B. billi sistema Ewropea unifikata tista' tinkiseb mhux biss permezz ta' att legali awtonomu tal-Unjoni iżda wkoll bl-introduzzjoni ta' sett ta' regoli li jaħdmu b'mod parallel mal-ordinament ġuridiku nazzjonali eżistenti f'kull Stat Membru;

C. billi ħafna start-ups u scale-ups fl-Unjoni qed jiżviluppaw teknoloġiji trasformattivi; billi dawk l-intrapriżi spiss jiġu akkwistati minn intrapriżi barranin qabel ma jimmaturaw; billi tali akkwiżizzjonijiet spiss isiru taħt il-limiti ta' kontroll tal-fużjonijiet tal-Unjoni;

D. billi l-kumpaniji innovattivi jeħtieġu aċċess għall-kapital ta' riskju, mobbiltà pan-Ewropea, skalabbiltà, ħaddiema b'livell għoli ta' ħiliet, protezzjoni kontra "akkwiżizzjonijiet predatorji" u investimenti ta' terminu twil;

Prinċipji ġenerali

1. Jilqa' l-impenn tal-Kummissjoni li tippreżenta proposta leġiżlattiva dwar it-28 reġim għall-kumpaniji innovattivi (it-"28 reġim"), bl-Artikoli 50 u 114(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) iservu bħala l-bażijiet legali għall-proposta leġiżlattiva għal direttiva;

2. Jopponi bil-qawwa l-użu tal-Artikolu 352(1) tat-TFUE bħala bażi legali minħabba li dan idewwem l-adozzjoni tal-proposta leġiżlattiva minħabba r-rekwiżit tal-unanimità; jikkritika l-użu tal-kooperazzjoni msaħħa kif imsemmi fl-Artikolu 20 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 329 tat-TFUE jew il-ftehimiet intergovernattivi bl-għan li jiġi stabbilit it-28 reġim;

3. Jirrikonoxxi l-fatt li l-Artikoli 50 u 114(1) tat-TFUE jirrikjedu miżuri ta' armonizzazzjoni fil-liġi dwar il-kumpaniji li għandhom jiġu implimentati fid-dritt nazzjonali tal-Istati Membri; jikkunsidra li f'dan il-każ hija ppreferuta armonizzazzjoni massima sabiex jiġu żgurati regoli uniformi fl-Istati Membri kollha;

4. Jikkunsidra t-28 reġim bħala pass lejn approfondiment ulterjuri tas-suq intern u integrazzjoni Ewropea akbar;

5. Itenni li l-kumpaniji li jipparteċipaw b'mod volontarju fit-28 reġim għandhom ikunu marbuta bir-regoli tiegħu;

6. Jenfasizza li l-għażla ta' kumpanija li tipparteċipa fit-28 reġim trid tiġi rikonoxxuta awtomatikament fl-ordinamenti ġuridiċi nazzjonali tas-27 Stati Membri kollha;

7. Huwa konxju tar-riskju li t-28 reġim jista' jippermetti ċ-ċirkomvenzjoni ta' protezzjonijiet nazzjonali obbligatorji għall-partijiet l-aktar dgħajfa; jissottolinja li t-28 reġim ma jridx isir mezz li bih jiġu mminati l-livelli eżistenti ta' protezzjoni; jinsisti li għandhom jiġu stabbiliti salvagwardji permezz ta' regoli sostanzjali b'livell għoli ta' protezzjoni u permezz ta' regoli dwar il-konflitt ta' liġijiet li jiżguraw l-applikazzjoni ta' regoli nazzjonali obbligatorji;

It-28 reġim għall-kumpaniji innovattivi

8. Huwa tal-fehma li t-28 reġim għandu jikkonċerna prinċipalment ir-regoli tal-liġi dwar il-kumpaniji u li dawk il-kumpaniji b'responsabbiltà limitata li mhumiex ikkwotati fil-borża

biss għandhom ikunu jistgħu jipparteċipaw fih; jikkunsidra li t-28 reġim għandu jkun sett ta' regoli li jridu jiġu inkorporati f'forom korporattivi nazzjonali eżistenti jew ġodda;

9. Jipproponi li l-forma korporattiva koperta mit-28 reġim tissejjaħ il-kumpanija "Start-Up u Scale-Up Ewropea" (ESSU); jitlob li jiżdied l-akronimu "ESSU" mal-akronimi tal-forom korporattivi nazzjonali eżistenti;

10. Jissottolinja li t-28 reġim huwa mingħajr preġudizzju għal-liġi tal-Unjoni u dik nazzjonali fil-qasam tal-liġi tax-xogħol individwali u kollettiva u r-regoli dwar il-kodeterminazzjoni tal-impjegati;

11. Jenfasizza l-ħtieġa li l-formazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-kumpaniji jiġu ssimplifikati; jitlob li titnaqqas il-kumplessità proċedurali u li l-proċedura ta' reġistrazzjoni għall-ħolqien ta' ESSU tkun waħda li ssir fi żmien 48 siegħa; jitlob li jkun hemm il-possibbiltà li d-dokumenti tal-kumpanija jiġu ppreżentati online matul iċ-ċiklu tal-ħajja tal-forma korporattiva u biex jiġi implimentat b'mod sħiħ il-prinċipju ta' "darba biss" meta tiġi rreġistrata ESSU; jikkunsidra li għandhom ikunu possibbli proċeduri diġitali, bħal laqgħat diġitali għal assemblej ġenerali u laqgħat tal-bord;

12. Jitlob li jinħoloq reġistru diġitali uniformi tal-kumpaniji fil-livell tal-Unjoni li jkun punt ta' dħul dirett għar-reġistrazzjoni tal-ESSUs, li jkun jikkomplementa u jestendi s-Sistema ta' Interkonnessjoni tar-Reġistri Kummerċjali (BRIS) eżistenti;

13. Jitlob l-iżvilupp u l-adattament ulterjuri ta' identifikatur tal-kumpaniji tal-Unjoni biex tiġi ssimplifikata r-reġistrazzjoni, jiżdiedu t-trasparenza u l-fiduċja, tiġi ffaċilitata l-verifika tal-identità tal-kumpaniji u jiġu miġġielda l-frodi u l-evażjoni tat-taxxa;

14. Jikkunsidra li l-possibbiltà ta' reġistrazzjoni bħala ESSU m'għandhiex tkun limitata għal kategorija ġdida ta' "kumpaniji innovattivi" jew għal fatturi limitanti oħra; iwissi li l-ħolqien ta' tali kategorija ġdida tkun tagħti lok għal burokrazija inutli; jiċċara li persuni fiżiċi jew ġuridiċi li jirrisjedu jew li huma stabbiliti fl-Unjoni biss għandhom ikunu jistgħu jikkostitwixxu ESSU;

15. Jikkunsidra li għandu jkun possibbli għall-ESSU li topera bħala kumpanija unika awtonoma jew bħala kumpanija sussidjarja ta' kumpanija omm ESSU;

16. Jenfasizza li s-sede rreġistrata ta' kumpanija trid tkun f'wieħed mis-27 Stat Membru sabiex tikkwalifika għar-reġistrazzjoni bħala ESSU; jissottolinja li s-sede u l-uffiċċju reġistrat jistgħu jkunu fi Stati Membri differenti;

17. Jissottolinja li t-tkabbir tal-produttività, l-innovazzjoni u l-inklużjoni soċjali jridu jimxu id f'id; huwa tal-fehma li għandu jiġi kkunsidrat il-ħolqien ta' pjanijiet ta' azzjonarjat għall-impjegati ta' ESSU sabiex ikunu jistgħu jiksbu interess proprjetarju fil-kumpanija;

Salvagwardji

18. Jissottolinja l-ħtieġa li l-kumpaniji innovattivi Ewropej jiġu protetti minn "akkwiżizzjonijiet predatorji" u l-ħtieġa li tiġi evitata r-rilokazzjoni tal-innovazzjoni barra mill-Unjoni, spiss appoġġjata mill-fondi pubbliċi Ewropej għar-riċerka; jikkunsidra r-Regolament dwar l-Għaqdiet bħala insuffiċjenti biex tindirizza l-kwistjoni ta'

"akkwiżizzjonijiet predatorji"; jitlob li, bħala parti mill-proposta leġiżlattiva, jiġu inklużi forom fakultattivi ta' sjieda steward, imblokk tal-assi u klassijiet differenti ta' ishma, speċjalment ishma ta' klassi doppja, inklużi ishma ta' veto;

19. Jinsab imħasseb dwar ir-riskju li jiddgħajfu l-istandards eżistenti għall-protezzjoni tal-parti l-aktar dgħajfa fl-ordinamenti ġuridiċi nazzjonali tal-Istati Membri;

20. Jikkunsidra li, biex tiġi indirizzata il-kwistjoni tal-protezzjoni tal-parti l-aktar dgħajfa, ir-regoli dwar il-konflitt ta' liġijiet huma aktar xierqa mir-regoli sostanzjali fil-proposta leġiżlattiva l-ġdida; jitlob li jiġu determinati l-kwistjonijiet relatati mal-kodeterminazzjoni tal-impjegati mil-liġi tas-sede reali tal-kumpanija, li hija l-post tat-tmexxija ċentrali tal-kumpanija;

Aċċess għall-kapital

21. Jitlob li jitfasslu u jintużaw dokumenti mudell fl-Unjoni kollha għall-ftehimiet bejn l-azzjonisti u għall-istatut ta' assoċjazzjoni;

22. Jikkunsidra li l-proposta leġiżlattiva l-ġdida għandu jkun fiha regoli armonizzati dwar strumenti ta' dejn simili għal ekwità, li jippermettu lill-investituri jinvestu f'kumpanija mingħajr ma jiksbu drittijiet ta' kontroll fuq dik il-kumpanija;

Soluzzjoni ta' tilwim

23. Jikkunsidra li għandu jiġi stabbilit mekkaniżmu alternattiv għas-soluzzjoni ta' tilwim għat-tilwim relatat mal-ESSUs, biex tiġi żgurata soluzzjoni rapida u speċjalizzata tat-tilwim ; jemmen ukoll li l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw l-introduzzjoni, fi ħdan il-qrati nazzjonali tagħhom, ta' grupp speċjali li jkun iddedikat għat-tilwim bejn kumpaniji relatat mal-ESSUs u li għandu jkun possibbli għal tali gruppi speċjali li jwettqu s-soluzzjoni ta' tilwim bl-Ingliż;

Dispożizzjonijiet finali

24. Jitlob lill-Kummissjoni, fuq il-bażi tal-Artikoli 50 u 114 tat-TFUE, u qabel l-ewwel trimestru tal-2026, tippreżenta proposta għal direttiva, filwaqt li ssegwi r-rakkomandazzjonijiet li jinsabu fl-anness;

25. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni kif ukoll ir-rakkomandazzjonijiet li jinsabu fl-anness lill-Kummissjoni u lill-Kunsill.

ANNESS GĦALL-MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI: RAKKOMANDAZZJONIJIET DWAR IL-KONTENUT TAL-PROPOSTA MITLUBA

1. Prinċipji ġenerali u bażi legali

Il-Parlament jipproponi li l-forma korporattiva koperta mit-28 reġim tissejjaħ il-kumpanija "Start-Up u Scale-Up Ewropea" (ESSU). L-ESSU ma għandhiex tkun forma korporattiva awtonoma pan-Ewropea, iżda forma korporattiva nazzjonali fl-Istati Membri kollha li trid tikkonsisti f'ċerti elementi li huma armonizzati mid-dritt tal-Unjoni. L-akronimu ESSU għandu jiżdied mal-akronimi tal-forom korporattivi nazzjonali eżistenti.

L-ESSU għandha tibni fuq forom korporattivi stabbiliti skont id-dritt nazzjonali. L-Istati Membri għandhom ikunu liberi li jagħżlu jekk jikkonvertux forom korporattivi nazzjonali eżistenti f'ESSU jew li joħolqu forma korporattiva nazzjonali ġdida. Il-fundaturi jew is-sidien ta' forma korporattiva nazzjonali għandhom ikunu liberi li jipparteċipaw b'mod volontarju fir-reġim il-ġdid, li jippermetti l-użu tat-tikketta tal-kumpanija "ESSU".

L-eżistenza ta' ESSU għandha tiġi rikonoxxuta awtomatikament mill-ordinamenti ġuridiċi nazzjonali tal-Istati Membri kollha bħala kumpanija b'responsabbiltà limitata.

Id-dritt applikabbli għall-ħolqien ta' ESSU għandu jkun id-dritt tal-Istat Membru li fih tkun inkorporata l-kumpanija inkwistjoni. B'deroga minn dak il-prinċipju u għall-fini tal-protezzjoni tal-interessi pubbliċi predefiniti, għandu jkun possibbli li jiġi ddeterminat d-dritt applikabbli b'fattur ta' konnessjoni prevalenti, aktar milli bil-post tal-inkorporazzjoni.

Il-bażijiet legali għall-ESSU għandhom ikunu l-Artikoli 50 u 114(1) tat-TFUE. Sabiex tinkiseb ċertezza tad-dritt fir-rigward tal-elementi kostituttivi tal-ESSU, id-direttiva adottata skont l-Artikoli 50 u 114(1) tat-TFUE trid tkun direttiva ta' armonizzazzjoni massima.

Il-Parlament huwa konxju mir-riskju li ESSU rikonoxxuta awtomatikament tista' twassal għal ċirkomvenzjoni ta' regoli nazzjonali obbligatorji li jipproteġu l-partijiet l-aktar dgħajfa. Għalhekk, ir-regoli korporattivi tal-ESSU għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-Unjoni u dak nazzjonali fil-qasam tal-liġi tax-xogħol individwali u kollettiva, inklużi r-regoli dwar il-kodeterminazzjoni tal-impjegati, u għandhom jinkludu salvagwardji li jipprevjenu b'mod effettiv l-użu abbużiv tal-ESSU.

2. Kamp ta' applikazzjoni

L-Istati Membri għandhom jipprevedu fl-ordinamenti ġuridiċi nazzjonali tagħhom sett ta' regoli li, meta jiġu rispettati, jippermettu li forma korporattiva nazzjonali tinkludi l-akronimu "ESSU" f'isem il-kumpanija tagħha. Sabiex tkun eliġibbli biex tirreġistra bħala ESSU, forma korporattiva nazzjonali għandha tissodisfa r-rekwiżiti li ġejjin:

– tkun entità ġuridika b'kapaċità ġuridika li tkun rikonoxxuta awtomatikament fl-Istati Membri kollha fid-data tar-reġistrazzjoni tagħha;

– tkun kumpanija b'responsabbiltà limitata li fiha r-responsabbiltà tas-sidien għad-djun tal-

kumpanija tkun limitata għall-ammont tal-kontribuzzjonijiet tagħhom;

– m’għandhiex tkun kumpanija kkwotata;

– tkun ġiet stabbilita minn persuna fiżika jew ġuridika waħda jew aktar li jirrisjedu fi Stat Membru jew huma stabbiliti fih;

– ikun possibbli għaliha li sservi bħala kumpanija unika awtonoma jew bħala kumpanija sussidjarja ta’ kumpanija omm ESSU;

– is-sede reġistrata tagħha trid tkun tinsab f’wieħed mill-Istati Membri;

Jekk il-liġi dwar il-kumpaniji nazzjonali tipprevedi kapital minimu mħallas għall-istabbiliment ta’ kumpanija eliġibbli biex tirreġistra bħala ESSU, il-kapital imħallas immedjatament għandu, għall-finijiet tar-reġistrazzjoni ta’ dik il-kumpanija, jiġi ffissat għal EUR 1 u l-kumpanija għandha tkun obbligata talloka mill-anqas 25 % tal-profitti annwali tagħha għal riżerva legali sakemm dik ir-riżerva, flimkien ma’ kwalunkwe kapital imħallas inizjalment, tilħaq il-kapital minimu meħtieġ skont id-dritt nazzjonali inkwistjoni.

Fl-interess tas-simplifikazzjoni, il-possibbiltà ta’ reġistrazzjoni bħala ESSU m’għandhiex tkun limitata għal kategorija ġdida ta’ “kumpaniji innovattivi” jew għal fatturi limitanti oħra peress li dan joħloq formalitajiet amministrattivi addizzjonali u piż burokratiku bla bżonn.

Jekk ESSU jkollha l-ħsieb li tikkwota lilha nnifisha fil-borża, għandha tkun meħtieġa tikkonverti f’kumpanija pubblika limitata skont id-dritt nazzjonali jew tal-Unjoni f’konformità mar-regoli ta’ konverżjoni nazzjonali u tal-Unjoni.

3. Il-ħolqien tal-forma korporattiva

Il-ħolqien u r-reġistrazzjoni ta’ ESSU għandhom isiru kompletament b’mod diġitali u jikkonformaw mal-prinċipju ta’ “darba biss”. It-twaqqif ta’ ESSU għandu jiġi ffinalizzat fi żmien 48 siegħa.

Malli tinħoloq, l-ESSU għandha tingħata identità diġitali unifikata u identifikatur tal-kumpaniji tal-Unjoni biex tiġi ssimplifikata r-reġistrazzjoni, jiżdiedu t-trasparenza u l-fiduċja, tiġi ffaċilitata l-verifika tal-identità tal-kumpaniji u jiġu miġġielda l-frodi u l-evażjoni tat-taxxa.

Sabiex dawk l-objettivi jinkisbu b’faċilità, għandu jinħoloq u jitħaddem mill-Kummissjoni reġistru diġitali uniformi tal-kumpaniji fil-livell tal-Unjoni għall-ESSUs. Tali reġistru jkun jikkomplementa u jestendi s-Sistema ta’ Interkonnessjoni tar-Reġistri Kummerċjali (BRIS) eżistenti. Ir-reġistru diġitali uniformi tal-kumpaniji fil-livell tal-Unjoni m’għandux jissostitwixxi r-regoli ta’ inkorporazzjoni nazzjonali eżistenti iżda, pjuttost, iservi bħala portal komuni. Meta tirreġistra ruħha fir-reġistru diġitali tal-kumpaniji fil-livell tal-Unjoni, kumpanija trid tagħżel Stat Membru bħala l-post tal-inkorporazzjoni u, b’dan il-mod, id-dritt nazzjonali applikabbli għall-inkorporazzjoni.

Ir-reġistru diġitali uniformi tal-kumpaniji fil-livell tal-Unjoni jistabbilixxi punt ta’ dħul dirett għall-kumpaniji biex jirreġistraw bħala ESSU. L-inkorporazzjoni, il-kompilazzjonijiet u l-aġġornamenti għandhom jiġu amministrati minn dak ir-reġistru darba biss u għandhom jkunu

aċċessibbli fl-Istati Membri kollha abbażi ta' interfaċċja multilingwi u standards armonizzati ta' identifikazzjoni skont ir-Regolament eIDAS[1]. Ir-reġistru jista' jagħmel użu minn network ta' reġistru distribwit (DLT) awtorizzat li jirreġistra avvenimenti korporattivi ewlenin, bħal reġistrazzjonijiet jew trasferimenti ta' ishma, bi kronogrammi immutabbli.

4. Salvagwardji

Ir-regoli dwar l-ESSUs għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għal-liġi tax-xogħol individwali u kollettiva u għar-regoli dwar il-kodeterminazzjoni tal-impjegati.

Id-dritt applikabbli għal kuntratti individwali ta' impjieg għandu jkun iddeterminat eskluživament mill-Artikolu 8 tar-Regolament (KE) Nru 593/2008.

Għall-kwistjonijiet relatati mal-kodeterminazzjoni tal-impjegati, id-dritt applikabbli għandu jiġi ddeterminat mis-sede reali tal-kumpanija, jiġifieri l-post tat-tmexxija ċentrali tal-kumpanija.

Meta jkun hemm tilwima jew kwalunkwe inċertezza dwar liema dritt nazzjonali jirregola kwistjonijiet relatati mal-kodeterminazzjoni tal-impjegati, il-bord tat-tmexxija ta' ESSU, ir-rappreżentanti tal-impjegati jew tat-trade unions li jkollhom dritt ta' nomina skont id-dritt nazzjonali li tkun qed tiġi kkontestata jew iddubitata l-applikazzjoni tagħha, għandhom jitolbu lill-qorti jew lit-tribunal tal-Istat Membru li fih il-kumpanija jkollha l-uffiċċju reġistrat tagħha biex jiddeċiedu dwar id-dritt applikabbli. Il-qorti jew it-tribunal inkwistjoni għandu jkollhom ġuriżdizzjoni eskluživa biex isolvu l-kwistjoni.

5. L-inkoraġġiment ta' perspettiva fit-tul fakultattiva

Bl-għan li l-kumpaniji innovattivi Ewropej jiġu protetti minn "akkwiżizzjonijiet predatorji" u biex tiġi evitata r-rilokazzjoni tal-innovazzjoni barra mill-Unjoni, li l-ħolqien tagħha spiss ikun appoġġjat mill-fondi pubbliċi Ewropej għar-riċerka, l-Istati Membri għandhom jintroduċu regoli li jippermettu lill-kumpaniji jagħżlu b'mod irrevokabbli li jipparteċipaw fi skemi ta' protezzjoni legali addizzjonali bħal:

– is-separazzjoni tad-drittijiet tal-vot u d-drittijiet ekonomiċi permezz ta' klassijiet differenti ta' ishma, speċjalment ishma ta' klassi doppja;

– il-kwalifika tad-drittijiet tal-vot bħala mhux trasferibbli u li ma jintirtux;

– id-distribuzzjoni tal-profitti lill-investituri jew lid-detenturi tad-drittijiet ekonomiċi fuq il-bażi ta' ftehim kuntrattwali limitat fiż-żmien jew fl-ammonti u li jista' jiġi tterminat minn

[1] Ir-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat- 23 ta' Lulju 2014 dwar l-identifikazzjoni elettronika u s-servizzi fiduċjarji għal tranżazzjonijiet elettroniċi fis-suq intern u li jħassar id-Direttiva 1999/93/KE (ĠU L 257, 28.8.2014, p. 73, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2014/910/oj).

kwalunkwe parti fi kwalunkwe ħin;

– il-limitazzjoni tal-konverżjoni transfruntiera f'entitajiet li għażlu l-iskema ta' protezzjoni legali addizzjonali, b'mod partikolari għall-imblokk tal-assi;

Il-kumpaniji li jkunu għażlu tali skemi ta' protezzjoni legali addizzjonali għandhom ikunu jistgħu jinkludu t-tikketta "sjieda steward" fl-isem tal-kumpanija tagħhom.

Id-Direttiva (UE) 2017/1132 fir-rigward tad-diviżjonijiet, fużjonijiet u konverżjonijiet transfruntiera għandha tiġi emendata sabiex l-Istati Membri li jkunu għażlu li jintroduċu l-forma korporattiva nazzjonali tagħhom stess ta' sjieda steward ikunu jistgħu jillimitaw il-konverżjoni transfruntiera ta' tali forma korporattiva nazzjonali għal forom korporattivi ta' Stati Membri oħra li jipprevedu wkoll forom simili ta' sjieda steward.

6. Nattiraw it-talent

It-tkabbir tal-produttività, l-innovazzjoni u l-inklużjoni soċjali jridu jimxu id f'id. Il-forma tal-ESSU għandha tipprevedi regoli armonizzati fakultattivi madwar l-Unjoni dwar l-istrutturar tal-pjanijiet tal-azzjonarjat għall-impjegati ("ESOPs"), iffaċilitati permezz ta' intermedjarju separat. Dan mhux biss se jippermetti lill-SMEs, lill-istart-ups u l-iscale-ups jattiraw it-talent u jinċentivaw impenn fit-tul, iżda se jiżgura wkoll il-parteċipazzjoni sħiħa u ġusta tal-impjegati fil-valur li jagħtu lill-kumpanija bil-kapital intellettwali u lavorattiv tagħhom. Meta jitfasslu regoli armonizzati fil-qafas tal-ESSU għandhom jitqiesu l-prinċipji li ġejjin:

– bħala prekundizzjoni, skemi bħal dawn m'għandhom, fl-ebda ċirkostanza, jissostitwixxu jew inaqqsu r-remunerazzjoni bażika normali jew kwalunkwe forma oħra ta' kontribuzzjoni bħal kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali, iżda għandhom ikunu benefiċċju komplementari għad-drittijiet soċjali u kuntrattwali kollha;

– it-trasparenza għandha tkun prinċipju ewlieni matul it-tfassil u l-implimentazzjoni ta' skemi bħal dawn;

– il-parteċipazzjoni f'dawn l-iskemi għandha tkun nondiskriminatorja u miftuħa għall-impjegati kollha;

– il-parteċipazzjoni tal-impjegati fi skemi bħal dawn għandha tibqa' fuq bażi volontarja;

– tali skemi għandhom ikunu akkumpanjati minn mekkaniżmi li jħarsu lill-impjegati minn riskji finanzjarji irraġonevoli,

Il-Kummissjoni, f'konsultazzjoni mas-sħab soċjali u abbażi ta' eżempji tal-aħjar prattika, għandha tfassal mudelli ta' gwida u ftehimiet ta' kondiviżjoni tal-profitti li jkunu sempliċi, elementari u bażiċi li jgħinu lill-ESSUs u jiffaċilitaw l-implimentazzjoni, ittejjeb is-sensibilizzazzjoni dwar l-ESOPs u tikkonverġi l-iskemi ta' parteċipazzjoni finanzjarja madwar l-Istati Membri. Il-gwida u l-ftehimiet mudell għandhom jinkludu informazzjoni dwar ir-riskji finanzjarji assoċjati għall-impjegati, jispeċifikaw l-għażliet ta' akkwiżizzjoni mill-impjegati u jqisu l-impatt fuq l-impjegati b'mod partikolari fuq l-ugwaljanza bejn il-ġeneri.

7. Nattiraw kapital ta' riskju

L-Istati Membri għandhom jintroduċu strumenti armonizzati ta' dejn simili għal ekwità li jippermettu lill-investituri jinvestu f'kumpaniji mingħajr ma jakkwistaw drittijiet ta' kontroll fuq kumpanija (bħal drittijiet ta' kondiviżjoni tal-profitti, sħubijiet passivi jew self marbut mal-profitt). Tali strumenti ta' dejn simili għal ekwità għandhom:

- jinħolqu billi jiġi konkluż ftehim kuntrattwali bejn il-kumpanija u l-investitur għal kontribuzzjoni ta' kapital; tali ftehim irid jispeċifika l-ammont tal-kapital investit, jinkludi data definita ta' ripagament u jipprevedi kumpens li jista' jieħu l-forma ta' mgħax fiss jew varjabbli, jew kondiviżjoni tal-profitti;

- ikunu subordinati għal krediti ordinarji;

- jiġu ttrattati bħala ekwità jew kapital li jissostitwixxi l-ekwità għal finijiet regolatorji u kontabilistiċi.

Bil-ħsieb li tiżdied iċ-ċertezza tad-dritt fis-27 ġuriżdizzjoni nazzjonali tas-suq intern u li jitnaqqsu l-ostakli għad-dħul fis-suq għall-investiment fl-ESSUs, il-Kummissjoni għandha tiffaċilita l-iżvilupp ta' mudelli ta' statuti ta' assoċjazzjoni, ftehimiet bejn l-azzjonisti u d-dokumenti rilevanti l-oħra kollha għall-ESSUs u tistabbilixxi pjattaforma li fuqha jkunu disponibbli d-dokumenti mudell bil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni. .

Il-Kummissjoni għandha taħtar grupp ta' esperti inkarigat bit-tfassil ta' mudelli ta' statuti ta' assoċjazzjoni standardizzati ta' kwalità għolja li jikkorrispondu mar-rekwiżiti armonizzati għall-ESSUs. Dak il-grupp ta' esperti għandu jinkludi, fost l-oħrajn, il-fundaturi, l-investituri u t-trade unions.

Il-Kummissjoni għandha taħtar grupp ieħor ta' esperti bil-kompitu li jfassal mudell ta' ftehimiet bejn l-azzjonisti li jkunu standardizzati, ġusti u ta' kwalità għolja. Tali mudelli ta' ftehimiet bejn l-azzjonisti għandhom jilħqu bilanċ bejn l-interessi tal-fundaturi u tal-investituri. Dak il-grupp ta' esperti għandu jinkludi, fost l-oħrajn, il-fundaturi u l-investituri tal-kapital ta' riskju.

Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi Ċentru Konġunt tar-Riċerka għad-dritt kummerċjali Ewropew u komparat biex tiġi stabbilita informazzjoni b'aċċess miftuħ u komparabbli dwar ir-regolamentazzjoni tan-negozju fl-Istati Membri li tkun disponibbli bil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni.

8. Soluzzjoni ta' tilwim speċjalizzata

Sabiex is-soluzzjonijiet ta' tilwim dwar l-ESSUs jitħaffu, għandu jiġi stabbilit mekkaniżmu speċjalizzat alternattiv għas-soluzzjoni ta' tilwim. Il-parteċipazzjoni f'dan il-mekkaniżmu għandha tkun soġġetta għall-kunsens tal-partijiet involuti. It-tilwim relatat mal-liġi tax-xogħol individwali u kollettiva għandu jiġi eskluż minn dan il-mekkaniżmu. Il-ġuriżdizzjoni f'dawk il-każijiet għandha tiġi ddeterminata skont l-Artikoli 20 sa 23 tar-Regolament (UE) Nru 1215/2012.

Barra minn hekk, l-Istati Membri għandhom jintroduċu grupp speċjali fil-qrati nazzjonali tagħhom – jew grupp wieħed f'qorti waħda speċifika fil-livell nazzjonali jew grupp wieħed

f'qorti waħda speċifika f'kull entità federata, skont is-sistema ġudizzjarja nazzjonali inkwistjoni. Tali gruppi għandhom ikunu dedikati għas-soluzzjoni ta' tilwim dwar id-dritt ċivili bejn il-kumpaniji li jkunu relatati mal-forma korporattiva tal-ESSU, tilwim li jirriżulta minn jew b'rabta mal-akkwist ta' ESSUs jew ishma fl-ESSUs u tilwim bejn ESSU u membri tal-bord ta' tmexxija jew superviżorju tagħha. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-proċeduri quddiem tali gruppi ikunu jistgħu jitmexxew bl-Ingliż, dment li l-partijiet involuti jagħtu l-kunsens tagħhom.

NOTA SPJEGATTIVA

Il-Kummissjoni Ewropea, bil-mandat il-ġdid, ħabbret l-intenzjoni tagħha li toħloq status ġuridiku ġdid għall-kumpaniji – "it-28 Reġim". It-"28 reġim" jiddeskrivi teknika leġiżlattiva, li permezz tagħha regoli legalment vinkolanti adottati fil-livell tal-UE jikkoeżistu mar-regoli nazzjonali fit-territorji tal-Istati Membri. L-applikazzjoni tagħhom tiddependi mill-għażla volontarja ta' partijiet privati li jintrabtu ma' dawn ir-regoli tal-UE. Mill-perspettiva ta' dawn il-partijiet privati, biex jagħżlu r-regoli tal-UE, dawn iridu jkunu aktar vantaġġużi għalihom mid-dritt nazzjonali altrimenti applikabbli. L-UE preċedentement għamlet użu minn din it-teknika leġiżlattiva meta adottat il-Prodott tal-Pensjoni Pan-Ewropew (PEPP), l-impriżi ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS), u s-*Societatas Europaea* (SE). Il-Kummissjoni pproponiet is-*Societas Privata Europaea* (SPE), is-*Societas Unius Personae* (SUP) u l-Liġi Komuni Ewropea dwar il-Bejgħ (CESL) bħala t-"28 reġim" iżda qatt ma kkonkludiet il-proċess leġiżlattiv.

Fir-rapport ta' Enrico Letta *Much more than a market* ("Ħafna aktar milli suq"), Letta għamel appell għall-istabbiliment ta' "Kumpanija Ewropea Simplifikata" u fih reġgħet tqajmet l-idea li tintuża t-teknika leġiżlattiva tat-"28 reġim" bħala mod li bih jiġu appoġġjati kumpaniji innovattivi. Referenzi simili jistgħu jinstabu wkoll f'diversi komunikazzjonijiet reċenti tal-Kummissjoni Ewropea u fir-Rapport ta' Draghi dwar *The Future of European Competitiveness* ("Il-futur tal-kompetittività Ewropea"). Ir-rapport ta' inizjattiva leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew għandu l-għan li jiddeskrivi perkors dwar it-tfassil u l-qafas ta' tali forma korporattiva, b'perspettiva speċifika dwar kif tali status jista' jkun ta' benefiċċju għall-SMEs, l-istart-ups u l-iscale-ups kif ukoll għall-fundaturi tagħhom li jixtiequ joperaw u jespandu fis-Suq Intern kollu, mingħajr ma jkun limitat għalih.

Kien saru xi tentattivi mill-Kummissjoni Ewropea biex jiġi stabbilit reġim għal kumpanija privata Ewropea, iżda l-ebda wieħed minnhom ma kien suċċess assolut. In-nuqqas ta' suċċess huwa r-riżultat tal-lakuni fit-tfassil tagħhom u tan-nuqqas ta' salvagwardji għad-drittijiet ta' konsultazzjoni u parteċipazzjoni tal-ħaddiema, u b'riżultat ta' dan, il-kunsens meħtieġ ma setax jintlaħaq. Il-ħolqien ta' piżijiet legali, amministrattivi u finanzjarji addizzjonali assoċjati ma' dawn it-tentattivi kkontribwixxa wkoll fl-adozzjoni limitata tagħhom minn kumpaniji ġodda.

L-istabbiliment tas-salvagwardji meħtieġa biex jiġi evitat b'mod effettiv l-użu abbużiv tat-"28 Reġim", b'mod partikolari fir-rigward tar-regoli ta' kodeterminazzjoni, huwa tal-akbar importanza kif ukoll prekundizzjoni meħtieġa għas-suċċess ta' dan il-proġett u biex jiġi aċċettat fis-soċjetà.

Ħafna snin wara, filwaqt li ttieħdu passi importanti fir-rigward tal-armonizzazzjoni tal-liġi dwar il-kumpaniji fl-Ewropa, ħafna sfidi, b'mod partikolari għal kumpaniji iżgħar u emerġenti, għadhom ma ssolvewx filwaqt li tfaċċaw sfidi ekonomiċi ġodda.

Ir-rapporteur għalhekk jirrakkomanda, li l-forma korporattiva proposta mill-Kummissjoni tissejjaħ il-kumpanija "Start-Up u Scale-Up Ewropea" (ESSU). Minflok ma tiġi stabbilita forma korporattiva awtonoma pan-Ewropea, permezz ta' regolament – li jkun jeħtieġ l-Artikolu 352(1) tat-TFUE bħala bażi legali, b'riskju li jiġu ripetuti l-iżbalji tal-passat – ir-rapporteur jirrakkomanda l-istabbiliment ta' forma korporattiva nazzjonali rikonoxxuta awtomatikament fl-Istati Membri kollha. Dan jista' jiġi implimentat billi jiġu aġġornati l-forom korporattivi nazzjonali eżistenti ta' responsabbiltà limitata jew billi jinħolqu forom korporattivi nazzjonali

ġodda mfassla apposta. Is-sovranazzjonalizzazzjoni tal-elementi essenzjali ta' forma korporattiva altrimenti nazzjonali tista' tinkiseb permezz ta' direttiva ta' armonizzazzjoni massima abbażi tal-Artikoli 50 u 114 tat-TFUE.

Il-forma korporattiva "Start-Up u Scale-Up Ewropea" (ESSU) tindirizza l-piżijiet billi toħloq ambjent regolatorju simplifikat, diġitalizzat, li jinftiehem u li jintuża b'mod faċli mill-utent, il-forma tkun imfassla apposta għall-ħtiġijiet tal-SMEs, l-istart-ups u l-iscale-ups, filwaqt li ma tkunx limitata għal kategorija ġdida ta' kumpaniji "innovattivi" jew kriterji limitanti oħra, biex tinħoloq u tissaħħaħ l-innovazzjoni fl-Ewropa. Jekk l-aċċess għall-forma ġuridika jsir subordinat għall-kundizzjoni li l-partijiet jipprovdu l-evidenza meħtieġa biex jikkwalifikaw bħala eliġibbli – pereżempju li juru n-natura "innovattiva" tagħhom – dan iżid il-piż amministrattiv, b'mod partikolari għall-kumpaniji żgħar u ta' daqs medju, u jsibuha diffiċli biex jimmaniġġjaw. Sabiex taqdi bl-aħjar mod il-ħtiġijiet tal-SMEs, tal-istart-ups u tal-iscale-ups, l-ESSU trid tkun kumpanija b'responsabbiltà limitata li mhijiex ikkwotata fil-borża.

Minbarra s-simplifikazzjoni tal-proċeduri għall-formazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-kumpaniji, ir-rapporteur jipproponi li l-qafas legali għandu jindirizza diversi elementi biex tissaħħaħ il-kompetittività tal-SMEs, tal-istart-ups u tal-iscale-ups li jagħżlu li jipparteċipaw fil-forma korporattiva l-ġdida. Għalhekk, il-proposta tiddeskrivi komponenti differenti li għandhom jiġu inklużi biex jittejjeb l-aċċess għall-kapital u t-talent għall-ESSUs, u biex jitħeġġeġ l-ippjanar fit-tul. B'mod partikolari, negozji ġodda li jittrasformaw ideat innovattivi fi prodotti kummerċjabbli huma suxxettibbli għall-hekk imsejħa "akkwiżizzjonijiet predatorji", li bilkemm jistgħu jiġu kkontrollati bil-liġijiet dwar il-kontroll tal-fużjonijiet. Ir-rapporteur għalhekk jixtieq janalizza elementi ta' forom korporattivi fit-tul u li huma mmexxija mill-iskop, li għalihom diġà hemm eżempji eżistenti u emerġenti fi Stati Membri differenti. B'mod partikolari, fir-rigward tal-"imblokk tal-assi" u l-isfidi possibbli f'dak li hu marbut mal-konverżjonijiet transfruntiera. Biex il-kumpaniji li jagħżlu reġim ġuridiku b'perspettiva fit-tul jibqgħu jattiraw l-investituri, kwalunkwe proposta bħal din trid tkun akkumpanjata minn regoli armonizzati fl-UE kollha dwar strumenti ta' dejn simili għall-ekwità li jippermettu lill-investituri jinvestu f'kumpaniji mingħajr ma jakkwistaw drittijiet ta' kontroll fuq kumpanija (bħal drittijiet ta' kondiviżjoni tal-profitti, silent partnerships, jew self marbut mal-profitt).

Is-suċċess ta' forom korporattivi oħra f'pajjiżi oħra (bħal Delaware Inc. fl-Istati Uniti) huwa marbut mal-effiċjenza, il-ħeffa u l-grad ta' speċjalizzazzjoni tas-sistema tal-qorti li tiddeċiedi dwar kwistjonijiet relatati ma' din il-forma korporattiva. Dan l-objettiv jista' jintlaħaq b'mekkaniżmu alternattiv għas-soluzzjoni ta' tilwim għall-ESSU kif ukoll bi gruppi speċjali u speċjalizzati tas-sistema dwar kwistjonijiet relatati mal-ESSU fil-qrati tal-Istati Membri. It-tnejn li huma jistgħu jiġġudikaw biss dwar tilwim tad-dritt ċivili bejn il-kumpaniji, tilwim li jirriżulta minn jew b'rabta mal-akkwist ta' kumpaniji tal-ESSU jew ishma f'kumpaniji tal-ESSU, u tilwim bejn kumpanija tal-ESSU u membri tal-istruttura ta' governanza tagħha. Il-parteċipazzjoni f'dawn il-forom speċjali ta' soluzzjoni ta' tilwim hija soġġetta għall-kunsens tal-partijiet involuti. It-tilwim relatat mal-liġi tax-xogħol individwali u kollettiva huwa eskluż minn dan il-mekkaniżmu.

F'termini ta' salvagwardji għar-regoli ta' kodeterminazzjoni, ir-rapporteur jipproponi soluzzjoni ta' konflitt tal-liġijiet minflok regoli sostanzjali peress li dawn jistgħu jinstabu fl-SE. Ir-regoli dwar il-kodeterminazzjoni jvarjaw b'mod sinifikanti bejn l-Istati Membri. L-eżistenza u l-importanza tagħhom huma marbuta mill-qrib man-nisġa soċjali tal-ekonomija ta' Stat Membru, għalhekk qed jiġi rrakkomandat ħafna li l-arranġamenti nazzjonali dwar il-kodeterminazzjoni ma jintmissux mill-ESSU. Fil-fehma tar-rapporteur, l-aħjar mod biex jiġu

rispettati l-ispeċifiċitajiet nazzjonali huwa b'regoli dwar il-konflitt ta' liġijiet li jarmonizzaw id-determinazzjoni tad-dritt nazzjonali applikabbli aktar milli b'regoli armonizzati tal-UE, li dejjem se jfisser kompromess politiku bi standards ogħla ta' kodeterminazzjoni fi wħud mill-Istati Membri. Għalhekk huwa rakkomandat, għall-ESSU, li jiġi determinat id-dritt applikabbli għall-kwistjonijiet relatati mal-kodeterminazzjoni skont il-post tas-sede reali tal-ESSU, li huwa l-post tat-tmexxija ċentrali.

Barra minn hekk, l-ESSU hija mingħajr preġudizzju għal-liġi tax-xogħol individwali u kollettiva, u d-dritt applikabbli għall-kuntratti ta' impjieg individwali hija determinata mill-Artikolu 8 tar-Regolament Ruma I.

ANNESS: ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR IRĊIEVA KONTRIBUT MINGĦANDHOM

F'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura, ir-rapporteur jiddikjara li rċieva kontribut mill-entitajiet jew il-persuni li ġejjin fit-tħejjija tal-abbozz ta' rapport:

Entità u/jew persuna
ACT | The App Association - Transparency Register: 72029513877-54
Association pour l'Unification du Droit des affaires en Europe - Transparency Register: 490631396665-19
Bundesministerium der Justiz (BMJ) - Federal Ministry of Justice
Bundesministerium für Arbeit und Soziales (BMAS) - Federal Ministry of Labour and Social Affairs)
Bundesnotarkammer - Transparency Register: 74591581960-65
Bundesverband der Deutschen Volksbanken und Raiffeisenbanken - Transparency Register: 22330076571-75
Bundesverband Öffentlicher Banken Deutschlands eV- Transparency Register: 0767788931-41
Confédération des Petites et Moyennes Entreprises (CPME) - Transparency Register: 74081206759-11
Conseil International du Notariat Belge /Internationale Raad van het Belgisch Notariaat- Transparency Register: 134690012359-91
Deutsche Bank AG - Transparency Register: 271912611231-56
Deutsche Börse AG - Transparency Register: 20884001341-42
Deutsche Industrie- und Handelskammer - Transparency Register: 22400601191-42
Deutscher Gewerkschaftsbund (DGB) - Transparency Register: 07595112423-87
Deutscher Sparkassen-und Giroverband - Transparency Register: 62379064909-15
Deutscher Steuerberaterverband e.V. - Transparency Register: 845551111047-04
EU Inc Petition - Transparency Register: 848536795849-82
European Commission
European Confederation of Directors' Associations (ecoDa) - Transparency Register: 37854527418-86
European Savings and Retail Banking Group - Transparency Register: 8765978796-80
European Startup Nations Alliance (ESNA)
European Trade Union Confederation - Transparency Register: 06698681039-26
France Digitale- Transparency Register: 479234015862-06
Gesamtverband der Deutschen Versicherungswirtschaft e.V. - Transparency Register: 6437280268-55
Global Legal Entity Identifier Foundation - Transparency Register: 660337819709-62
Hans-Böckler-Stiftung - Transparency Register: 957887652130-79
International Credit Insurance & Surety Association - Transparency Register: 924462331324-02
Leibniz Institute for Financial Research SAFE - Transparency Register: 843071031814-24
Nordic Financial Unions - Transparency Register: 4129929362-47
Oliver Coste
Österreichische Notariatskammer - Transparency Register: 6475183729-37
Permanent Representation of Austria to the European Union
Permanent Representation of Estonia to the European Union
Permanent Representation of France to the European Union
Permanent Representation of the Federal Republic of Germany to the European Union
Permanent Representation of the Kingdom of the Netherlands to the European Union
Startup Portugal
Stiftung Verantwortungseigentum e.V.- Transparency Register: 202064594750-82

Stripe, Inc.- Transparency Register: 389356530261-76
vbw - Vereinigung der Bayerischen Wirtschaft e. V. - Transparency Register: 49096067887-19

Il-lista ta' hawn fuq hija mfassla taħt ir-responsabbiltà esklużiva tar-rapporteur.

Meta persuni fiżiċi jkunu identifikati fil-lista b'isimhom, bil-funzjoni tagħhom jew bit-tnejn li huma, ir-rapporteur jiddikjara li ppreżenta lill-persuni fiżiċi kkonċernati l-Avviż tal-Parlament Ewropew Nru 484 dwar il-Protezzjoni tad-Data (https://www.europarl.europa.eu/data-protect/index.do), li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet applikabbli għall-ipproċessar tad-data personali tagħhom u d-drittijiet marbuta ma' dak l-ipproċessar.